MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 313/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni**

**Nru. 313/2015 JZM fl-ismijiet :**

**1) L-Assocjazjoni tal-Pulizija ta` Malta ; 2) Frankie Sammut detentur tal-karta tal-identita` numerata 210578M ; 3) Malcolm Bondin detentur tal-karta tal-identita` numerata 360480M**

***kontra***

**1) Il-Kummissarju tal-Pulizija[1] ;**

**2) Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali ;**

[1] "Il-Kummissarju tal-Artijiet" giet mibdula ghal "Il-Kummissarju tal-Pulizija" b'digriet tas-27 ta' April 2015.

**3) Pierre Grech Pillow ;**

**4) Obelisk Auctions Limited C42122**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors kontra l-intimati ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fit-23 ta` Frar 2015.

Fit-23 ta` Frar 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 5 ta` Marzu 2015 fid-9.00 a.m.

L-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Kevin Mahoney kienu notifikati fit-23 ta` Frar 2015 u pprezentaw risposta bil-miktub fit-3 ta` Marzu 2015 waqt li l-intimati Pierre Grech Pillow u Obelisk Auctions Limited kienu notifikati fl-24 ta` Frar 2015 u pprezentaw risposta fis-27 ta` Frar 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2015. F`din l-udjenza, l-Ispettur Kenneth Haber, hekk kif debitament awtorizzat mill-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel dikjarazzjoni ghall-fini tal-Art 873(3) tal-Kap 12. Kienu prezentati dokumenti u xehed l-intimat Pierre Grech Pillow. Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri. Hekk kif kienu awtorizzati jaghmlu fl-istess udjenza, l-intimati Pierre Grech Pillow u Obelisk Auctions Limited ipprezentaw nota b`dokument. Ir-rikors thalla ghal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex izomm lill-intimati :-

*Jibdew u jipprocedu u jzommu z-zewg irkanti imsemmijin hawn taht li fihom ma humiex qed jithallew jippartecipaw billi huma ufficjali pubblici.*

## III. L-irkanti

Iz-zewg irkanti li ghalihom jirreferu r-rikorrenti huma : l-ewwel wiehed huwa dak tal-24 ta` Frar 2015 dwar il-bejgh ta` 129 vettura, dghajjes u spare-parts li jew kienu wzati mill-Korp tal-Pulizija jew li jinsabu fil-pussess tal-Korp tal-Pulizija ; it-tieni irkant huwa dak li kellu jsir bejn il-25 ta` Frar 2015 u t-28 ta` Frar 2015 dwar il-bejgh ta` 800 arma li jew kienu wzati mill-Korp tal-Pulizija jew li jinsabu fil-pussess tal-Korp tal-Pulizija. Kemm fil-kaz tal-ewwel kif ukoll fil-kaz tat-tieni rkant, l-oggetti kienu sejrin jinbieghu individwalment.

## IV. L-ilment tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti jilmentaw illi l-ufficjali pubblici kollha (u allura huma wkoll) qeghdin jigi projbiti milli jiehdu sehem fiz-zewg irkanti.

Isostnu li ma tezisti l-ebda disposizzjoni fil-ligi li timponi din il-projbizzjoni. Huma jridu jippartecipaw fl-irkanti u ghalhekk l-eskluzjoni taghhom hija diskriminatorja, arbitrarja u llegali.

Jirrilevaw illi l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permanenti qeghdin jibbazaw l-eskluzjoni tal-partecipazzjoni ta` ufficjali pubblici fl-irkanti fuq ir-**Reg 110 tal-Avviz Legali 40 tal-1966**.

Skond ir-rikorrenti, dik id-disposizzjoni bl-ebda mod ma tapplika fejn ikun se jsir bejgh individwali u b`irkant pubbliku ta` numru ta` oggetti simili. Il-projbizzjoni tghodd biss meta oggetti jkunu sejrin jinbieghu flimkien permezz ta` quotations jew permezz ta` sejha ghall-offerti.

## V. Id-difiza tal-intimati Grech Pillow u Obelisk

Dawn l-intimati jilqghu ghar-rikors fl-ewwel lok billi jikkontendu li mhumiex il-legittimi kontradittturi tar-rikorrenti (stante li l-inkariku taghhom biex jaghmlu l-irkant gie minghand l-intimati l-ohra) ; fit-tieni lok billi jikkontendu li l-Assocjazzjoni rikorrenti m`ghandhiex l-interess guridiku li tippromwovi din l-istanza (stante li istanza ta` din ix-xorta ma tinkwadrax fl-ghanijiet tal-Assocjazzjoni) ; u fit-tielet lok billi jikkontendu li fil-mertu l-istanza tar-rikorrenti kif dedotta kontra taghhom hija nfondata (stante li l-esekuzzjoni da parti taghhom ta` inkariku li tawhom l-intimati l-ohra ma jikkostitwix att ta` diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti).

## VI. Id-difiza tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permanenti

Fil-qosor, skond dawn l-intimati, l-Assocjazzjoni rikorrenti m`ghandhiex locus standi sabiex tistitwixxi din l-istanza in vista tal-funzjonijiet li ghandha hekk kif

stabbiliti mill-Kap 164. Bhala possessur tal-oggetti mertu tal-irkant, il-Kummissarju tal-Pulizija kellu kull jaghmel limiti ghal min jippartecipa fl-irkant, limiti li jistabbilihom hu mhux il-persuni li jridu jiehdu sehem fl-irkant. Ir-rikorrenti m`ghandhom l-ebda jedd oggettiv li jmexxi bil-procediment tal-lum. Reg 110 tal-Avviz Legali 40 tal-1966 jeskludi ghal kollox (u allura direttament jew indirettament) lir-rikorrenti Sammut u Bondin milli jippartecipaw fl-irkant ghaliex huma ufficjali pubblici. B`din id-disposizzjoni, il-legislatur ried illi jwarrab il-possibilita` ta` konflitt ta` interess bejn ir-rwol ta` ufficjal pubbliku u l-partecipazzjoni tieghu fl-irkant. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti kif dedotta hija abbusiva u ghandha tkun respinta. Apparti li r-rikorrenti m`ghandhomx jedd *prima facie* lanqas jissussisti r-rekwiziti l-ohra ghall-hrug tal-Mandat.

**VII. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>**

**<u>Skond is-subinciz (1)</u>** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**<u>Skond is-subinciz (2)</u>** :–

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**<u>In linea generali</u>**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **<u>mehtieg</u>** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru ‘prima facie’, ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali.

Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m’ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma’ l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kaz tal-lum, waqt l-udjenza tal-5 ta` Marzu 2015, l-Ispettur Kenneth Haber – bhala rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija – iddikjara illi kieku ma kienx ghall-prezentata tar-rikors odjern, fejn kien milqugh provvizorjament il-hrug tal-Mandat, il-Kummissarju tal-Pulizija kien ser jipprocedi biz-zewg irkanti in kwistjoni.

Fil-kuntest tat-**<u>tielet element</u>** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Din hija r-raguni ghala l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tkun michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew ma ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.**

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**VIII. L-Assocjazzjoni rikorrenti : "*locus standi*"**

L-intimati jikkontestaw il-legittimita` tal-istanza hekk kif promossa mill-Assocjazzjoni rikorrenti meqjusa l-ghanijiet taghha hekk kif jirrizultaw fit-Tieni Skeda tal-Kap 164.

**Din il-Qorti tirrileva bhala punt ta` dritt illi t-Tieni Skeda tal-Kap 164 thassret ghal kollox bl-Art 7 tal-Att IV tal-2015 li huwa l-Att dwar Diversi Ligijiet fil-qasam tas-Shubija fi Trade Unions ta` Forzi Dixxiplinati. Fl-istess waqt tirrileva li bhala effett tal-Art 20 tal-istess Att, li hija disposizzjoni transitorja, l-Assocjazzjoni rikorrenti ghandha tibqa` fis-sehh u jkollha status ta` persuna guridika ghall-ghan biss sabiex tigi xjolta jew stralcjata jew sabiex tinbidel ghal trade union jew persuna guridika ta` forma legali ohra bis-sahha ta` decizjoni mehuda mill-maggoranza tal-membri taghha.**

Dan ifisser li minkejja t-thassir tat-Tieni Skeda tal-Kap 164, l-Assocjazzjoni ghandha tezisti u tista` tintervjeni fl-interess tal-membri taghha.

**Dan premess, hija l-fehma ta` din il-Qorti li l-Assocjazzjoni rikorrenti ghandha *locus standi* biex tippromwovi l-proceditment tal-lum ghaliex dak li qeghda tittenta illi tikseb jaqa` fl-ambitu ta` l-Art 2.1.1 fejn dan jittratta l-*promozzjoni tal-interessi* tal-membri taghha. Ghalkemm l-Art 2.1.1. jaghmel ukoll *riferenza partikolari,* tali riferenza, fil-fehma ta` din il-Qorti, mhijiex esklussiva. Ghalhekk li l-Assocjazzjoni rikorrenti qeghda tirsisti sabiex jigi rikonoxxjut id-dritt tal-membri taghha li jippartecipaw fl-irkanti in kwistjoni huwa mezz tangibbli kif qeghda tippromwovi l-interessi tal-membri taghha.**

**IX.** **<u>Reg 104 u 110 ta` l-Avviz Legali 40 tal-1966</u>**

Hemm qbil bejn il-partijiet illi d-disposizzjoni tal-ligi li permezz taghha r-rikorrenti bhala ufficjali pubblici kienu eskluzi milli jiehdu sehem fl-irkanti hija **<u>Reg 110 tal-Avviz Legali 40 tal-1966</u>** li jaqra hekk :-

*Hlief meta s-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat jordna mod iehor, oggetti ta` hazniet zejda msemmija taht ir-regolament 104, ghandhom jitnehhew mid-Direttur tal-Kuntratti wara li dan ikun hareg sejha pubblika ghall-offerti :*

*Izda :*

*oggetti ta` hazna li meta jigu raggruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizx sebgha u erbghin elf euro (€47,000) ghal kull grupp jistghu jitnehhew dipartimentalment hekk kif jista` jigi approvat mis-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat wara sejha pubblika jew dipartimentali ghall-offerti ;*

*oggetti ta` hazna li meta jigu raggruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizax sitt elef euro (€6000) ghal kull grupp jistghu wkoll jitnehhew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat wara li jkunu ngabru mhux anqas minn hames kwotazzjonijiet mis-suq liberu ;*

*oggetti ta` hazna li meta jigu raggruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizx elf u mitejn euro (€1,200) ghal kull grupp jistghu wkoll jitnehhew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-dipartiment interessat :*

*Izda wkoll, f`kull kaz, ebda ufficjal pubbliku m`ghandu jithalla jikkwota jew jitfa` offerti biex jakkwista oggetti bhal dawk sew direttament jew indirettament.*

**Reg 104** li ghalih jirreferi Reg 110 jaqra hekk :-

*Ghall-fini ta` din it-taqsima, "hazniet" ghandha tinkludi provvisti ta` xorta generali mehtiega ghal xogholijiet u servizzi ordinarji li jsiru matul il-kors ta` sena finanzjarja, oggetti jew apparat li jitqiesu li jkunu zejda, u oggetti li ma jkunux prattikabbli li jigu msewwijin jew li ma jistghux jittejbu.*

**X. Il-fattispeci tal-lum**

B`riferenza ghall-katalogu li harget Obelisk Auctions Limited, u li huwa esebit fl-atti ta` dan il-procediment, **Pierre Grech Pillow** xehed illi l-valur li jidher hdejn kull oggett huwa l-*auction starting price* li jfisser propju l-prezz minimu ta` kull oggett ghalkemm mhux bilfors li f`irkant sejjer jingieb dak il-prezz. Ghar-rigward tal-armi wahedhom, il-valur tal-armi kollha li tqeghdu ghall-irkant jaqbez l-€64,000. Ghar-rigward tal-vetturi u dghajjes, dan il-*minimum value* komplessiv huwa ta` €13,595.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permanenti ma jistghux jipprevalixxu ruhhom mit-tieni proviso tar-Reg 110 sabiex jeskludu lir-rikorrenti milli jiehu sehem fl-irkanti ghaliex dak il-proviso ighodd biss jekk il-bqija tad-disposizzjoni tkun tapplika ghal bejgh bl-irkant. Fil-fatt minn qari akkurat tad-disposizzjoni fl-irtier taghha huwa ben evidenti li d-disposizzjoni mhijiex tirreferi ghal bejgh bl-irkant izda ghal sejhiet pubblici ghall-offerti. U hemm differenza netta u kirurgika bejn irkant u sejha ghall-offerti. Id-disposizzjoni hija ntiza biss u unikament biex tirregola sejhiet pubblici ghall-offerti ta` hazniet li jaqghu fit-tifsira tar-Reg 104 ; ghalhekk *si spiega* l-involviment tad-Direttur tal-Kuntratti. Fil-kaz tal-lum, mhux biss huwa assenti ghal kollox id-Direttur tal-Kuntratti, izda huwa car u inewkivoku li dak li riedu jniedu l-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti kien bejgh bl-irkant mhux sejha pubblika ghall-offerti. Sahansitra l-valuri tal-oggetti esposti ghall-irkanti jesorbitaw il-figuri ndikati fl-ewwel proviso tar-Reg 110. Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti li l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permanenti qeghdin jaghtu interpretazzjoni skorretta tal-iskop wara r-Reg 110. Il-konflitt ta` interess, u allura ghalhekk it-tieni proviso, jaghmel sens fil-kaz ta` sejhiet

pubblici ghall-offerti mhux fil-kaz ta` irkanti pubblici fejn ufficjal pubbliku jkollu jikkompeti fil-prezz ma` kwalsiasi persuna ohra.

**XI. <u>Materji ohra</u>**

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-partijiet ghamlu riferenza ghall-Avviz Legali tal-1991 li huma r-Regolamenti dwar Bejgh b`Irkant Pubbliku. Il-Qorti hadet konjizzjoni ta` din il-legislazzjoni sussidjarja u mhijiex tara r-rilevanza ta` dan l-avviz legali *in spece* ghall-kaz tal-lum. Saret ukoll riferenza ghall-Avviz Legali 121 tal-2002 : f`dan ir-rigward ghalkemm tifhem ir-rilevanza tal-avviz legali ghall-fini tal-legittimita` legali tal-pussess mill-Kummissarju tal-Pulizija tal-oggetti mertu tal-irkanti, dak li jghid l-istess avviz legali ma jbiddel xejn mill-pern tal-kwistjoni li mhijiex l-oggetti izda n-natura tal-bejgh.

**XII. <u>L-ewwel rekwizit ghall-hrug tal-Mandat</u>**

Hija l-fehma ta` din il-Qorti li r-rikorrenti rnexxielhom jaghmlu l-prova li ghandhom jedd *prima facie* li jehtieg tutela bil-hrug tal-Mandat. Tenut kont li hawn si tratta ta` bejgh bl-irkant, l-eskluzjoni tar-rikorrenti li jiehdu sehem ghaliex huma ufficjali pubblici hija infondata fid-dritt.

**XIII. <u>Ir-rekwiziti l-ohra</u>**

Hija l-fehma ta` din il-Qorti li z-zewg elementi l-ohra jissussistu wkoll.

Jirrizulta l-element tal-*htiega* ghaliex bil-Mandat fis-sehh isir fattibbli l-harsien tal-jedd *prima facie.*

Jirrizulta wkoll it-tielet element, u cioe` l-*proporzjonalita` tal-pregudizzju*, ghaliex din il-Qorti hija tal-fehma li c-cahda tal-hrug tal-Mandat igib pregudizzju li huwa ghal kollox sproporzjonat kontra r-rikorrenti.

Il-Qorti tghid dan il-ghaliex bil-fatt illi l-irkanti in kwistjoni jithallew miftuha ghall-partecipazzjoni ta` ufficjali pubblici, l-awtoritajiet pubblici mhux se jgarrbu l-pregudizzju li certament ibatu l-ufficjali pubblici kollha bhala kategorija, inkluzi r-rikorrenti, li kieku dawn tal-ahhar kellhom jithallew barra mill-irkanti.

Li kieku d-dritt *prima facie* li din il-Qorti qeghda tghid li r-rikorrenti ghandhom ma jsibx tutela bil-hrug tal-Mandat, ir-rikonoxximent jew konferma tad-dritt fl-azzjoni fil-petitorju jkun jisfa` fix-xejn b`mod specjali jekk l-oggetti mertu tal-irkanti jispiccaw legittimament ghand terzi. L-ebda azzjoni ghal danni ma tista` tekwipara t-telf ta` oggett mertu tal-irkant li jispicca ghand terzi a skapitu ta` ufficjal pubbliku li jkun thalla barra mill-kompetizzjoni minghajr raguni fondata fid-dritt.

**XIV. <u>Kwistjonijiet ohra</u>**

Ghar-rigward tal-materji l-ohra mhux diga` trattati u sollevati mill-intimati Grech Pillow u Obelisk, din il-Qorti qeghda tiskartahom bhala nfondati fis-sens illi huma ghandhom l-obbligu li jwiegbu ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti ladarba accettaw l-inkariku li jzommu l-irkanti fil-parametri stabbiliti mill-intimati l-ohra. Dwar il-pretensjoni tal-Kummissjarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti dwar it-termini tal-irkanti, il-Qort tghid biss illi dawn l-intimati, anke meta jniedu rkanti, huma marbuta b`dak li tghid il-ligi, u ma jistghu jeskludu lil hadd hlief fejn previst mil-ligi ; fil-kaz tal-lum, il-Qorti ma ssib l-ebda prekluzjoni ta` ufficjali pubblici ghar-ragunijiet diga` mfissra.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati, u fit-tieni lok qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra l-intimati kollha ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni skond kif mitlub fir-rikors tat-23 ta` Frar 2015. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------